MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Numru. 96/1999
Kawza Numru. 19

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra Mario Gatt, bin l-mejjet Emmanuel, Karta tal-identita' numru 46159 (G), akkuzat talli f'Ghawdex b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, qabel il-1.4.98 u l-10.6.99 bhala proprjetarju tal-fond Hard Stone Quarry No. 1o limiti tal-Qala, Ghawdex, u bhala persuna li fuqek huwa rregistrat il-meter tal-kurrent elettriku li hemm fl-imsemmi post, b'mezzi qarrieqa u li bihom seta kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom seta iwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar, ikkomettejt serq ta' kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni EneMalta, liema serq jammonta ghall-Lm877.01,6 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u l-valur;

Semghet il-provi;

Rat l-atti tal-kazwa;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwiegeb ghall-akkuza fuq deskritta wara rapport mit-teknici tal-Korporazzjoni Enemalta li l-meter stallat fl-barriera mgharufa bhala Salvu Mintoff & Sons Quarry, il-Qala kien mbaghbas.

Mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi l-meter bin-numru 9057654 huwa sallat f'kamra li taghmel mal-barriera Numru 10 mgharufa bhala bhala Salvu Mintoff & Sons Quarry. Ir-registered Consumer hija s-socjeta' fuq indikata u l-Memorandum and Articles of Association tal-istess socjeta' li ggib in-numru C 5093 (Dok PP1) juru illi l-imputat huwa titolari ta' sehem mill-kumpanija filwaqt illi s-socjeta' Gatt Development Ltd hija titolai ta' 4999 sehem. Id-diretturi tas-socjeta' Salvu Mintoff & Sons Ltd kienu u huma Joe, Raymond u William Gatt. L-imputat mhux direttur f'din is-socjeta'. Jehtieg ghalhekk ikun deciz jekk kienx l-imputat li kellu iwiegeb ghall-din l-akkuza jew persuna ohra minfloku u dan l-ezercizzju jassumi certu relevanza u importanza minhabba l-presunzjoni li tezisti kontra kull imputat f'kawzi ta' din in-natura u cioe dik ravvizata fl-artikolu 264 (2) tal-Kap 9 li jipprovdi hekk:

**(2) Fil-kaz ta' ksur ta' kanni tas-servizz pubbliku ta' l-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku, jew tal-*meters* taghhom, jew ta' xi sigilli ta' xi *meter*, jew fil-kaz ta' l-ezistenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista' jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan l-ilma, gass, jew kurrent elettriku, jew li bihom jista', jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-*meter* tal-kwantità mehuda jew ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, bhala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-ksur jew il-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-uzu jew konsum ta' ilma, gass jew kurrent elettriku, skond ma jkun il-kaz.**

Huwa fondamentali ghall-akkuza bhal dik in dizamina, illi meta si tratta tas-sid jew id-detentur tal-fond fejn ikun jinsab il-meter, l-istess sid jew detentur huwa prezunt li kien jaf bl-uzu jew konsum illecitu. Dan ma jfissirx li ebda persuna ma tista' titressaq quddiem il-Qorti jekk ma tkunx is-sid jew id-detentur tal-fond, izda jfisser illi f'kaz li l-akkuzat ikun is-sid jew detentur tal-fond, huwa prezunt li kien jaf b'tali irregolarita'. Mill-ezami tal-provi dwar dan l-ewwel aspett huwa evidenti illi s-sid jew detentur tal-barriera hija s-socjeta' Salvu Mintoff & Sons Ltd. Fil-komparixxi, l-imputat huwa deskritt "***bhala propjetarju …… u bhala l-persuna li fuqek huwa rregistrat il-meter***". Minn din l-akkuza johorgu zewg fatturi importanti. L-ewwel wiehed hu li l-imputat mhux is-sid jew detentur tal-fond u kwindi l-presunzjoni tal-artikolu 264 (2) ma tapplikax fil-konfront tieghu, bil-konsegwenza li l-prosekuzzjoni trid issa tipprova li l-imputat kien jaf b'tali irregolarita'. It-tieni fattur jolqot il-validita' tal-akkuza ghaliex il-prosekuzzjoni stess ressqet provi li juru li l-barriera hija proprejta' ta u mmangejata minn Salvu Mintoff & Sons Ltd. Din is-socjeta' ma tissemma mkien fl-akkuza u l-imputat huwa mixli li ghamel dak lilu allegat fil-kapacita' tieghu personali. Dawn id-dettalji kienu mgharufa minn meta kienet saret inkjesta wara li instab l-allegat tbaghbis fil-meter *de quo*.

Il-Qorti tqis illi ikun inutili li tinghata decizzjoni fuq il-mertu la darba l-imputat ma kienx iccitat bhala Direttur, Managing Director, jew forma ta' dirigent iehor ghan-nom tas-sid jew detentur tal-fond meta mill-provi tal-prosekuzzjoni stess jirrizulta illi l-imputat mhux il-**propjetarju jew il-persuna li fuqha huwa rregistrat il-meter**. Fil-konkluzzjoni tal-Magistrat Inkwirenti a fol.29, l-istess magistrat kien irrakkomanda li jinbdew proceduri kriminali kontra diversi persuni fil-kapacita' diversa taghhom, izda l-prosekuzzjoni mxiet biss kontra l-imputat bhala l-proprjetarju tal-fond u l-konsumatur registrat tal-meter fejn jirrizulta li ma hu l-ebda wiehed minnhom.

Ghas-skanz ta' ekwivoku, l-prosekuzzjoni tista' tressaq lil kull minn jidrilha li ghamel xi tbaghbis f'meter tad-dawl anke jekk ma jkunx is-sid jew detentur tal-fond. Izda meta

tressaq persuna u takkuzah li ghamel tbaghbis bhala il-propretarju jew persuna li fuqu huwa registrat il-meter u fl-istess hin tressaq prova kontrarja, ma jhalli ebda triq ohra lill-Qorti hlief li tillibera lill-imputat.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------